MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 79/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Silvan Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Silvan Falzon talli fit-30 ta’ Mejju 2008 ghall-habta ta’ 22:00 hrs gewwa l-istabbiliment ‘Tony’s Bar’ li jinsab fi Triq il-Kbira, Birkirkara bhala l-persuna li f’ismu ghandu l-licenzja ta’ substitute ta’ l-imsemmi stabbiliment, ippermetta jew halla lil min ipejjep u cioe` lil Francis Rizzo f’post pubbliku jew post miftuh ghall-pubbliku fejn jigi offrut ikel u xorb;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Frar 2009 li permezz

taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 5 ta' l-Avviz Legali 414/2004 u l-artikoli 2 u 5 tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 14 tal-Kap. 315 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Silvan Falzon hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu multa ta' mitejn u tnejn u tletin euro (€232);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Silvan Falzonipprezentat fis-6 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u kwindi tilliberah skond il-ligi mill-imputazzjoni, htija u piena; (2) [alternattivament] tirriformaha fil-parti tal-piena tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet fuq premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-fond in kwistjoni ma joffrix ikel u ghalhekk ma jaqax fl-ambitu ta' l-Avviz Legali 414/2004; (2) li l-appellant ma kienx fl-istabbiliment in kwistjoni fil-hin meta l-imsemmi Francis Rizzo kien qieghed ipejjep gewwa l-istess stabbiliment; (3) minghajr pregudizzju, li l-appellant qatt ma ried jippermetti illi jsir tipjip gewwa l-istabbiliment imsemmi peress illi hemm diversi sinjali u avvizi li jipprojbixu t-tipjip u peress illi fil-fond m'hemmx *ashtrays*.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi l-artikolu [*recte:* regolament] 3 ta' l-Avviz Legali 414/2004 jipprojbixxi t-tipjip f'zoni maghluqa billi jipprovdi illi **"[h]uwa projbit li jsir tipjip f'xi fond maghluq privat jew pubbliku, li hu miftuh ghall-pubbliku hlief fi kmamar msemmija fejn jista' jsir it-tipjip"**. L-appellant jghid illi minkejja li t-test Malti ma jaghtix definizzjoni ta' x'ifisser **"fond"**, it-test Ingliz fl-istess artikolu [*recte:* regolament] 3 juza l-kelma

**"premises"** u r-regolament 2 jaghti definizzjoni ta' din bhala **"catering premises and other similar premises from which food <u>and</u> drink are served to the public either with or without payment"**. Fit-test Malti, l-ekwivalenti ta' din id-definizzjoni hija dik moghtija ghat-terminu **"postijiet"** li hija mfissra bhala **"postijiet ta' l-ikel u postijiet bhalhom minn fejn jigi offrut l-ikel <u>u</u> x-xorb bi hlas jew b'xejn".** Ghalhekk, isostni l-appellant, taht l-artikolu 3 imsemmi, il-postijiet pubblici li fihom huwa projbit it-tipjip huma dawk il-postijiet fejn jigi offrut **"ikel <u>u</u> xorb"**. Il-fond in kwistjoni ma joffrix ikel u fil-fatt il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li fl-imsemmi fond jigi offrut ikel.

Aggravju identiku gie trattat fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Kenneth Debattista** deciz fit-2 ta' Dicembru 2009 fejn din il-Qorti qalet hekk:

**"Issa, bhalma jinghad fl-artikolu 74 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, "jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz ta' xi ligi, it-test Malti ghandu jipprevali." Ir-regolament 3 fl-Avviz Legali msemmi ma juzax il-kelma "postijiet" izda jirreferi ghal "fond". Kieku l-legislatur ried b'xi mod jillimita s-sinifikat tar-regolament 3 ghad-definizzjoni moghtija fir-regolament 2, kien juza l-kelma "post" jew juza l-kelma "postijiet" u l-bqija tar-regolament fil-plural. Izda dan m'ghamlux. Minflok uza l-kelma "fond". Ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda diffikulta` ssostni illi anke "bar" huwa kolpit minn dak ir-regolament galadarba hu miftuh ghall-pubbliku, u dan sija jekk joffri ikel u sija jekk ma joffrix."**

Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

It-tieni aggravju hu fis-sens li l-appellant ma kienx fl-istabbiliment meta sehh il-kaz. Waqt it-trattazzjoni pero` gie dikjarat mid-difensur ta' l-appellant li kien hemm qbil dwar il-fatt illi l-appellant Silvan Falzon, li huwa s-*substitute*, kien prezenti fil-hanut. Ma giex kontestat l-anqas illi fil-hanut kien qieghed isir tipjip minn certu Francis Rizzo u persuna ohra bhalma xehed P.S. 1298

Lambert Zammit. Pero` bit-tielet aggravju tieghu l-appellant isostni illi qatt ma ried jippermetti illi jsir tipjip gewwa l-istabbiliment imsemmi peress illi hemm diversi sinjali u avvizi li jipprojbixxu t-tipjip u peress illi fil-fond m’hemmx *ashtrays*. Il-ligi pero` tqieghed fuq min ikun inkarigat minn stabbilimenti simili oneru akbar milli semplicement iwahhal avvizi li t-tipjip huwa projbit. Min hu responsabbli huwa mistenni illi jiehu azzjoni tempestiva biex ma jhallix li jsir tipjip, u ghalhekk li jwaqqaf lil min ikun se jpejjep milli jpejjep u lil min ikun diga` beda jpejjep milli jkompli jpejjep. Jekk ma jaghmilx hekk ifisser illi jkun qieghed “jippermetti jew ihalli” li jsir it-tipjip. Difatti fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 14 tal-Kap. 315, il-persuna responsabbli ghall-bnadi ndikati fis-subartikolu (1) ta’ dak l-artikolu ghandha d-dmir “li tizgura li ma jsir ebda tipjip f’dawk il-bnadi”. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax illi l-Pulizija ssejhet ghax l-appellant ma setax iwaqqaf lil min kien qieghed ipejjep, izda l-Pulizija dahlet fil-post biex taghmel spezzjoni. P.S. 1298 Lambert Zammit fil-fatt xehed illi hu flimkien ma’ P.S. 257, P.C. 433 u P.C. 134 kienu pajzana u kienu qed jaghmlu spezzjoni rigward tipjip go stabbilimenti ta’ divertiment, u kif dahlu f’Tony’s Bar sabu zewg persuni jpejjpu.

Ghalhekk anke t-tieni u t-tielet aggravji huma michuda.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------